# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2019**

**Numru 10**

**Rikors numru 2/16 JPG**

**Rosaria Borg Busuttil**

**v.**

**Onorevoli Prim Ministru u Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u Ministru ghall-Energija u s-Sahha u Segretarju Parlamentari tas-Sahha**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrenti Rosaria Borg Busuttil [ir-rikorrenti] minn sentenza moghtija fil-31 ta' Ottubru 2018 [is-sentenza appellata], mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [l-ewwel Qorti] fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li [a] laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati u ghalhekk illiberat lill-Ministru

ghall-Energija u Sahha u s-Segretarju Parlamentari tas-Sahha [il Ministru] mill-osservanza tal-gudizzju, u [b] cahdet it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati tal-inapplikabbilita` tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni], iddikjarat li r-rikorrenti ma kinitx ezawriet ir-rimedji ordinarji disponibbli ghaliha u ghalhekk iddecidiet li ma tezercitax is-setgha taghha taht il-proviso tas-subartikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet taghha.

Fatti

2. Il-kaz odjern jirrigwarda r-revoka tal-hatra tar-rikorrenti bhala *Staff Nurse.* Hi kienet diga' tahdem bhala *nurse* mal-Gvern u fit-23 ta' Novembru 2012 kienet giet infurmata li l-Prim Ministru, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku [il-Kummissjoni], kien hatar lir-rikorrenti bhala *Staff Nurse* bis-sehh mid-9 ta' Novembru 2012[1]. Il-kondizzjonijiet tal-hatra taghha kienu gew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern[2] aktar kmieni dik is-sena, jigifieri fl-24 ta' Frar 2012 fejn fost ohrajn kien hemm il-kondizzjoni li l-applikant ghal din il-pozizzjoni kellu bzonn Certifikat ta' Registrazzjoni mahrug mill-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel. Wara li giet infurmata bil-hatra taghha,

[1] Dok. A a fol. 6.
[2] Dok. B a fol. 7.

ir-rikorrenti kienet bdiet tahdem bhala *Staff Nurse* fl-Isptar Mater Dei izda fid-9 ta' Ottubru 2015 irceviet ittra[3] minghand il-Kummissjoni fejn giet infurmata li peress li ma kinitx spiccat l-istudji taghha b'success, il-hatra taghha kienet giet revokata skont kif kien jipprovdi l-Artikolu 23 tar-Regolamenti dwar il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Ir-rikorrenti nghatat hames tijiem sabiex taghmel ir-rapprezentazzjonijiet taghha bil-miktub, kif fil-fatt ghamlet[4], izda permezz ta' ittra[5] tat-22 ta' Ottubru 2015 il-Kummissjoni infurmatha li l-hatra taghha kienet qieghda tigi revokata.

<u>Mertu</u>

3. Illi r-rikorrenti pprezentat rikors fis-6 ta' Jannar 2016 fejn talbet lill-ewwel Qorti:

> "1. Tiddikjara illi l-agir tal-intimati konsistenti fir-revoka tal-hatra tar-rikorrenti fil-grad ta' 'Staff Nurse' sar bi ksur tad-drittijiet fondamentali taghha ta' smiegh xieraq bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 u cioe' tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;
>
> 2. Taghti dawk ir-rimedji kollha opportuni li jidhrilha fic-cirkostanzi, inkluz illi terga' tordna illi r-rikorrenti titqieghed fl-istess posizzjoni qabel ma giet revokata l-hatra taghha bhala 'Staff Nurse';
>
> 3. Tillikwida dawk id-danni kollha sofferti mar-rikorrenti konsistenti f'telf ta' pagi u allowances ohra li normalment kien jispetta lilha li tircievi li kieku ma gietx revokata l-hatra taghha;
>
> 4. Tikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' dawn id-danni.
>
> Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati li minn issa jinsabu ingunti ghas-subizzjoni.".

---

[3] Dok. C a fol. 13.
[4] Dok. D a fol. 14.
[5] Dok. E a fol. 15.

4. L-intimati l-Onor. Prim Ministru, il-Kummissjoni u l-Ministru wiegbu billi qalu li l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk kellhom jigu michuda, dan filwaqt li ressqu s-segwenti eccezzjonijiet: [1] Il-Ministru u Sahha u s-Segretarju Parlamentari tas-Sahha ma kinux legittimi kontradittturi; [2] in-nuqqas ta' applikabbilita` tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni; [3] in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-ewwel Qorti; [4] ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt ta' smigh xieraq ghaliex ir-rwol tal-Kummissjoni kien wiehed rakkomandattiv ai termini tas-subartikolu 110[1] tal-Kostituzzjoni; [5] ir-rikorrenti nghatat l-opportunita` li tressaq il-kaz taghha bil-miktub u ghalhekk kien gie rispettat il-principju ta' *equality of arms* u dak ta' *audi alteram partem* u inoltre minn naha taghha r-rikorrenti ma kienet ghamlet l-ebda talba sabiex tressaq is-sottomissjonijiet *viva voce*; [6] ir-registrazzjoni tar-rikorrenti mal-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel hi ta' *enrolled nurse* jigifieri registrazzjoni fit-tieni livell u b'hekk ma kinitx eligibbli ghal hatra fil-kariga ta' *staff nurse* li hu maghruf bhala *first level nurse;* [7] ir-rikorrenti ma kinitx ghaddiet mill-kors biex tavvanza minn infermiera tat-tieni livell sa infermiera tal-ewwel livell; [8] ir-rikorrenti ma kellhiex il-kwalifika necessarja sabiex titpogga lura bhala *staff nurse* u f'kwalunkwe kaz l-ewwel Qorti ma kellhiex din il-funzjoni amministrattiva fdata skont il-Kostituzzjoni lill-Prim'Ministru; [9] ir-rikorrenti ma setghetx tippretendi li twettaq funzjonijiet u responsabbilitajiet f'livell li ma kellhiex

kwalifiki ghalihom; u [10] l-ebda danni ma setghu kienu dovuta lir-rikorrenti ghaliex hi kienet qieghda tithallas skont il-grad taghha kif registrat mal-Kunsill u skont ix-xoghol mistenni minnha.

Is-sentenza appellata

5. Fis-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru 2018, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti ghal dan l-Appell:

> "Il-Qorti taghraf illi skont il-proviso ghat-tieni sub-inciz tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni:
>
> > ""***...l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.***""
>
> "Din il-Qorti taghraf ukoll illi n-nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji hija kwistjoni illi tista' tigi ssollevata mill-Qorti stess. Hekk per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Borg vs Onorevoli Prim'Ministru et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Novembru 2016, intqal illi:
>
> > ""***Hu pacifiku li l-akkoljiment o meno ta' eccezzjoni ibbazata fuq dan il-proviso jew addirittura l-applikazzjoni ex officio tal-proviso hu fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti.*** *Din id-diskrezzjoni ghandha tigi uzata bi prudenza biex, min-naha l-wahda l-Prim'Awla kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali ma jigux inondati b'kawzi li jistghu jigu determinati mill-Qrati fil-kompetenza ordinarja taghhom, u min-naha l-ohra, c-citaddin ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.*
> >
> > *""Illi din l-eccezzjoni tesprimi s-salvagwardja procedurali li qabel ma wiehed jintavola kawza kostituzzjonali ghandu jezawrixxi kull rimedju civili possibbli u hija intiza biex thalli r-rimedju kostituzzjonali ghal dawk il-kawzi verament meritevoli ta' din il-procedura specjali.*"[6]"

[6] Vide wkoll **Mediterranean Film Studios Limited v. Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta` Malta et**, Qorti Kostituzzjonali, deciza 31 ta' Ottubru 2003; **L-Avukat Mark Refalo noe vs Id-Direttur tal-Artijiet et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) deciza 28 ta' Jannar 2016. .

"Illi ghalhekk, ghalkemm din l-eccezzjoni ma tqajmitx mill-intimati, il-Qorti qieghda tqajjimha *ex officio*, skont il-fakultajiet moghtija lilha mill-Kostituzzjoni, sabiex tiddetermina jekk ir-rikorrenti kellhiex rimedju ordinarju disponibbli ghaliha li setghet tirrikorri ghalih qabel ma tintavola l-proceduri odjerni.

"Skont il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u l-Qorti Kostituzzjonali, s-setgha tal-Qorti li tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha ghaliex kien hemm rimedji ordinarji:

**"" …*ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b` mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm kaz serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali [jew taht il-Kap.319] meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz*."[7]"**

"Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 2003 fil-kawza **Salvatore Abdilla vs Onorevoli Segretarju Parlamentari Ghall-Ambjent**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:-

**""*Din il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax taqbel ma` l-appellati (u konsegwentement anqas ma` l-ewwel Qorti) dwar il-kwistjoni tal-ezawriment tar-rimedju ordinarju. Proprjament il-kwistjoni ma hix jekk dak li jkun ikunx ezawrixxa, jew ittanta, "rimedju ordinarju" izda, kif diga accennat, jekk kellux disponibbli favurih mezz xieraq ta` rimedju ghall-ksur allegat. L-aggettiv "xieraq" ("adequate", fit-test Ingliz) li jikkwalifika n-nom "mezz" uzat kemm fl-Artikolu 46(2) tal- Kostituzzjoni kif ukoll fl-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, necessarjament jimplika li l-mezz ikun tali li wiehed jista` ragonevolment – tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – janticipa li jista` jkun hemm ezitu favorevoli*.""**

"Illi ghalhekk din il-Qorti trid l-ewwel nett tiddetermina jekk kienx jezisti rimedji ordinarju disponibbli ghar-rikorrenti li kien wiehed xieraq, u rimedju li bih ir-rikorrenti setghat ragonevolment tanticipa l-possibilita ta' ezitu favorevoli.

"Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru 2001 intqal illi il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin:

**""...*tiffavorixxi interpretazzjoni bazata fuq l-effettivita` tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun accessibbli f'dawk il-kazijiet fejn fir-rimedju effettiv ghal-lezjoni subita ma setax jinghata taht l-artikolu 469A*.""**

"L-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda nuqqas ta' smiegh xieraq, senjatament billi ma inghatx opportunita xierqa li tressaq id-difiza taghha, u nuqqas ta' ugwaljanza ta' armi, fil-proceduri tal-PSC li wasslu

[7] **David Axiaq vs Awtorita tat-Trasport Pubbliku**, Qorti Kostituzzjonali, deciza 14 ta' Mejju 2004.

ghar-revoka tal-hatra taghha fi grad ta' *staff nurse.* Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-ilment taghha jirrinkwadra ruhhu perfettament fl-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv, regolata ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' liema, il-Qrati ordinarji jistghu jiddikjaraw eghmil null, invalidu jew minghajr effett fis-segwenti kazijiet:

***""(a) meta l-għemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;***

***""(b) meta l-għemil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:***

***""(i) meta dak l-għemil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu;***

***""(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil; jew***

***""(iii) meta l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;***

***""(iv) meta l-għemil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi." (Art.469A(1) tal-Kap.12).""***

"Fis-sentenza fl-ismijiet **Micheal Borg vs Onorevoli Prim Ministru u Kummissjoni** dwar is-Servizz Pubbliku, deciza mil-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017, intqal:

***""...li l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji f'kaz ta' stharrig gudizzjarju tal-għemil tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku huwa limitat u jeskludi stharrig abbazi ta' ksur jew allegat ksur tad-drittijiet protetti mill-artikoli 35 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni.***

***""Madanakollu minn rassenja tal-gurisprudenza nostrana, l-Qrati ordinarji mhumiex prekluzi milli jissindikaw il-Kummissjoni ta' nuqqas ta' osservanza tal-principji ta' gustizzja naturali. Fi kliem iehor, il-fatt li f'proceduri civili ma jistghux jigu kkunsidrati u determinati kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali, ma jfissirx illi awtomatikament il-Qrati ordinarji huma prekluzi milli jissindikaw l-operat tal-PSC.""***

"Huwa filfatt ampjament rikonoxxut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, kif wara kollox ikkonfermat mir-rikorrenti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, illi anke l-Qrati ordinarji ghandhom gurisidizzjoni sabiex jissindikaw l-operat tal-PSC. Hekk per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Veterinarju Dottor Frank Cassar vs Chairman tal-Public Service Commission** deciza minn din il-Qorti diversament

presjeduta fit-12 ta' Ottubru 1976, kien gie affermat illi l-Qrati ordinarji ghandhom il-guridizzjoni sabiex jaraw:

***""...li l-formalitajiet u proceduri li jirregolaw il-Kummissjoni u lill-Bord tad-Dixxiplina, fejn il-Kummissjoni stess hasset il-htiega li ghandha taghmel regoli, jigu osservati, u tara li kollox isir skont il-ligi...Li kieku ma kienx hekk, il-Kummissjoni kien ikollha poter assolut li wara li tghid li tintrabat li ser issegwi certi proceduri, twarrabhom u ma tosservahomx kull meta jidhrilha, peress li l-ebda poter ma jkun jista' jissindika dan l-operat*.""**

"Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mattocks vs Dr. Anthony Gruppetta noe et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju 2008:

***""Il-PSC mhux hieles minn skrutinju tal-qrati ordinarji. Il-Qrati taghna osservaw li l-PSC mhix insindikabbli b'mod assolut, u jekk jigi allegat li l-PSC ma segwietx ir-regoli ta' procedura li hi stess tkun ghamlet ghas-smigh tal-kazi quddiema ("Cassar vs. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku", eventwalment ceduta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru, 1985), jew jigi allegat li l-PSC agixxiet b'mod diskriminatorju ("Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Jannar, 1985), jew li l-istess PSC agixxiet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ("Attard vs Sant'Angelo noe et", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Novembru, 1996), allura l-Qorti ordinarja tista' tintervjeni, tissindika u eventwalment taghti r-rimedju opportun. Din il-Qorti zzid li anke jekk jigi allegat, fuq livell amministrattiv, li l-PSC agixxiet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew agixxiet ultra vires il-poteri taghha, il-Qrati ordinarji jistghu u ghandhom jintervjenu. Il-principji tal-gustizzja naturali jridu dejjem u skrupolozament jigu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni mahtura biex tiehu decizjoni firrigward ta' individwu, u ebda awtorita` moghnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-principji b'impunita`""***

"Fis-sentenza fl-ismijiet **A&J Hili Ta' Miema Limited vs Kumissarju tat-Taxxi Fuq il-Valur Mizjud**, deciza fl-14 ta' Ottubru 2004, il-Qorti tal-Appell Civili ikkonfermat illi l-harsien tal-principji ta' gustizzja naturali jista' jigi ezaminat anke mill-Qrati ordinarji:

***""Din il-Qorti tibda biex tosserva li l-principji ta' gustizzja naturali, li wahda minnhom huwa l-principju ta' smiegh xieraq, huma principji ta' ligi ordinarja li jistghu u ghandhom jigu ezaminati u mistharga minn dawn il-Qrati fil-kompetenza ordinarja taghhom.***

***""Il-principji ta' gustizzja naturali jitqiesu dejjem materja ta' dritt, anzi ta' dritt pubbliku, u n-nuqqas ta' osservanza taghhom jaghti mhux biss dritt ta' appell meta dan hu koncess (anke jekk limitatament fuq punt ta' dritt), izda ukoll ghad-dritt ta' review mill-Qrati ordinarji.""***

"Illi l-Qorti rat illi l-ilment tar-rikorrenti f'dan il-kaz jitratta allegat nuqqas ta' opportunita adegwata li tressaq id-difiza taghha, u allegat nuqqas ta' ugwaljanza ta' armi. Fil-fehma tal-Qorti, dawn iz-zewg ilmenti jaghmlu parti mill-principju ta' *audi alteram partem,* peress illi jirrigwardaw id-dritt tar-rikorrenti li tressaq il-kaz taghha quddiem il-PSC. Il-principji ta' *audi alteram partem* huwa wiehed mill-principji tal-gustizzja naturali, u ghalhekk huwa car li l-ilment tar-rikorrenti kien sindikabbli mill-Qrati ordinarji.

"Din il-Qorti tirrileva *obiter* illi multo magis kienet sindikabbli mill-Qrati ordinarji ai temini tal-azzjoni taht l-Artikolu 469A id-decizjoni tal-PSC in kwistjoni, kkonsidrat illi l-PSC ezorbitat il-poteri taghha meta, minflok ma ghamlet rakkomandazzjoni lil Prim'Ministru ghar-revoka tal-hatra tar-rikorrenti, qabdet u rrevokat hi direttament il-hatra taghha, meta skont ir-Regolament numru 23 (2) il-PSC kellha biss is-setgha li taghti rakkomandazzjoni lil Prim'Ministru.

"Il-Qorti taghraf illi ormai iz-zmien utli ghall-intavolaw ta' azzjoni ai termini tal-artikolu 469A skada. Illi pero, huwa risaput illi l-ezistenza ta' rimedju iehor ghandha titqies mhux fiz-zmien meta tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali, jew meta tinghata sentenza rigward dak l-ilment, izda ghandu jitqies proprju b'referenza ghaz-zmien tal-allegat ksur ta' dritt fondamentali.

"F'dan ir-rigward, fis-sentenza fl-ismijiet **Olena Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006 intqal illi:

> **""*M'huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju in extremis li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel.*""**

"Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Borg vs Onorevoli Prim Ministru et**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Novembru 2016 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru 2017:

> **""...*din il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrent kellu a disposizzjoni tieghu r-rimedju ordinarju stabbilit bl-artikolu 469A (1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ukoll f'dan il-kaz fejn l-istharrig jirreferi ghall-agir tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u dan in forza tal-iskorta tal-gurisprudenza fuq citata. Il-fatt li din l-azzjoni hija perenta llum mhuwiex raguni ghaliex din il-Qorti ghandha taghzel biex tezercita l-gurisdizzjoni originali taghha billi kien ir-rikorrent li halla tterminu jiddekadi u ma hemmx ragunijiet impellenti li jwassluha biex tiddeciedi mod iehor*.""**

> "Il-Qorti tqis ghalhekk illi r-rikorrenti kellha rimedju ordinarju xieraq u effettiv, u cioe azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv, a disposizzjoni taghha, liema azzjoni seghtat taghtiha rimedju shih ghall-ilment taghha, u dan billi kien possibli ghall-Qorti ordinarja sabiex tiddikjara nulla jew ineffettiva d-decizjoni tal-PSC. Illi pero, r-rikorrenti ghazlet illi ma taghmilx uzu minn dak ir-rimedju, u minflok irrikorriet immedjatament ghar-rimedju kostituzzjonali u konvenzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha ai termini tal-proviso tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni."

<u>L-Appell tar-rikorrent</u>

6. Ir-rikorrenti pprezentat l-appell taghha fl-20 ta' Novembru 2018 fejn qed titlob lil din il-Qorti sabiex thassar is-sentenza appellata u tibghat lura l-atti lill-ewwel Qorti bil-ghan li din tisma' u tiddeciedi l-kaz skont il-ligi, jew, sussidjarjament, sabiex tilqa' t-talbiet tal-appellanti u tichad l-eccezzjonijiet tal-appellati, bl-ispejjez kontrihom. L-aggravji tar-rikorrenti fis-succint huma s-segwenti: [1] li l-ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha skont is-subartikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni minghajr ma l-partijiet thallew iressqu provi jew jaghmlu sottomissjonijiet fuq il-punt; [2] li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ddecidiet li tapplika d-dispozizzjonijiet ta' dak is-subartikolu.

<u>Ir-risposta tal-intimati l-Onor.Prim'Ministru u l-Kummissjoni</u>

7. L-intimati Prim'Ministru u l-Kummissjoni jwiegbu ghall-appell tar-rikorrenti billi jghidu li s-sentenza appellata hi wahda gusta u ghalhekk timmerita konferma. Jissottomettu li din il-Qorti m'ghandhiex tiddisturba

t-thaddim tad-diskrezzjoni maghmul mill-ewwel Qorti ghaliex dan ghamlitu b'mod korrett. L-ezami li sar minn dik il-Qorti kien wiehed ta' natura legali dwar ezawriment tar-rimedji ordinarji, fejn sahansitra r-rikorrenti tistqarr taht it-tieni aggravju taghha li kien minnu li hi ma kienet hadet l-ebda azzjoni fil-qrati ordinarji u ghalhekk l-istess rikorrenti ma kellha l-ebda provi x'tipproduci. Ghal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tar-rikorrenti, l-intimati jghidu li kif sewwa osservat l-ewwel Qorti l-ilment tar-rikorrenti dwar ksur tal-principji ta' gustizzja naturali seta' jigi mistharreg taht l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tikkonsidra z-zewg aggravji tar-rikorrenti flimkien minhabba li whud mill-konsiderazzjonijiet huma rilevanti ghat-tnejn li huma, u dan flimkien mas-sottomissjonijiet maghmula mill-intimati fir-risposta taghhom ghar-rikors tal-appell.

*L-ewwel aggravju: [il-partijiet ma thallewx iressqu provi jew jaghmlu sottomissjonijiet ]*

*It-tieni aggravju: [l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddeklina milli tesercita s-setghat kostituzzjonali taghha]*

9. Ir-rikorrenti tispjega l-ewwel aggravju taghha billi ssostni li galadarba l-ewwel Qorti ddecidiet *ex officio* li tissoleva punt li jirrigwarda l-ordni pubbliku, hi kellha d-dmir li taghti l-partijiet l-opportunita` li jressqu l-provi u s-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward. Hawn taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Veronique Amato Gauci et v. Marco Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri] fid-19 ta' Mejju 2004[8] u ssostni li in vista ta' dak li nghad f'dik is-sentenza l-ewwel Qorti kienet ghamlet zball fl-ezercizju tad-diskrezzjoni taghha fil-kaz odjern. B'hekk tissottometti li din il-Qorti ghandha tibghat lura l-atti lill-ewwel Qorti sabiex jinstemghu kemm il-provi kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-karenza sollevata minnha stess.

10. It-tieni aggravju tar-rikorrenti jirrigwarda l-uzu tad-diskrezzjoni esercitata mill-ewwel Qorti taht is-subartikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni fejn ir-rikorrenti tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ddecidiet li tiddeklina li tezercita s-setgha taghha skont dak is-subartikolu u b'hekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet taghha. Hi ticcita l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea u wkoll dik ta' din il-Qorti u tghid li, galadarba t-talbiet taghha jirrigwardaw kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali, dawn kien jisthoqqilhom li jigu kkonsidrati mill-ewwel Qorti fil-kwalita` kostituzzjonali taghha. Issostni li l-Artikolu 469A tal-kodici fuq imsemmi

8 App.Inf. 1388/2000 PS.

ma joffrix rimedju effettiv ghaliha u ghalhekk l-ilment ta' ksur tad-dritt fondamentali taghha jista' u ghandu biss jigi mistharreg mill-Prim'Awla fis-sede Kostituzzjonali taghha.

11. L-intimati fit-twegiba taghhom ghall-ewwel aggravju jghidu li min jintavola proceduri ta' natura kostituzzjonali ghandu d-dover li qabel xejn jindirizza l-kwistjoni dwar l-ezistenza o meno ta' rimedji ohra matul il-procediment tal-kawza. Isostnu li minn naha taghha r-rikorrenti wara kollox ma kellha l-ebda provi x'tipproduci dwar din il-kwistjoni. L-intimati wkoll jaghmlu referenza ghall-gurisprudenza ta' din il-Qorti u tal-ewwel Qorti in sostenn tas-sottomissjoni taghhom li skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 469A fuq citat ir-rikorrenti kellha rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni taghha qabel ma ressqet l-ilment taghha ta' ksur quddiem l-ewwel Qorti. Dan l-ilment kien wiehed ta' allegazzjoni ta' ksur tad-dritt fondamentali taghha ta' smigh xieraq waqt il-process li sar mill-Kummissjoni konsistenti fi ksur tal-principji ta' *audi alteram partem* u dak ta' *equality of arms.* Kif sewwa irriteniet l-ewwel Qorti, l-ilment tar-rikorrenti seta' jitressaq permezz ta' azzjoni ta' stharrig gudizzjarju disponibbli ghaliha taht l-artikolu precitat, liema rimedju jtennu hu wiehed effettiv, effikaci u accessibili.

12. Din il-Qorti tosserva li, kif korrettament osservat mill-ewwel Qorti, f'dan il-kaz ir-rikorrenti kellha disponibbli ghaliha rimedji ohra adegwati u

xierqa skont il-ligi ordinarja u ghalhekk ma kellhiex bzonn li tirrikorri ghal proceduri straordinarji ta' natura kostituzzjonali[9].

13. Din il-Qorti tosserva li certament ma jistax jinghad li d-decizjoni tal-ewwel Qorti ttiehdet bl-ghaggla u minghajr konsiderazzjoni tal-fatti tal-kaz. Kif tirrileva r-rikorrenti stess fir-rikors tal-appell taghha *"Illi mill-atti jirrizulta illi tul dawn is-sentejn fejn il-kawza hadet il-perkors taghha tressqu diversi provi u saru diversi sottomissjonijiet mill-partijiet kollha in sostenn tal-pretensjoni jew id-difiza rispettiva ta' kull parti"*. Ghalhekk ghajr ghall-fatt li r-rikorrenti ma nghatatx l-opportunita` li tressaq il-provi jew li taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar id-decizjoni tal-ewwel Qorti li tirrifjuta milli tikkonsidra l-kaz taghha, ir-rikorrenti m'ghandha l-ebda ilment dwar l-andament tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Izda hawn ghandu jinghad li m'hemm xejn fil-ligi li torbot lill-ewwel Qorti li qabel ma tiddeciedi kif ghandha tezercita d-diskrezzjoni taghha ai termini tas-subartikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni tistieden lill-partijiet sabiex iressqu dawk l-provi li jidhrilhom li ghandhom iressqu u jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward. Ghalhekk sewwa osservat l-ewwel Qorti meta qalet illi n-nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji hija kwistjoni illi tista' tigi sollevata mill-Qorti stess. Anzi din il-Qorti tissenjala li, bhala regola huwa doveruz, biex jigu evitati kawzi kostituzzjonali bla bzonn li qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali tiddeklina milli tezercita s-

---

[9] Ara Q.Kost. 701/99, **Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija,** 2 ta' Novembru 2001 u P.A. bl-istess ismijiet;

setghat kostituzzjonali taghha meta jkun jirrizulta car li ghall-ilment tar-rikorrenti kien hemm rimedju ordinarju disponibbli.  Minn naha tieghu huwa doveruz fuq ir-rikorrent li qabel ma jghaddi ghall-proceduri kostituzzjonali juza dak ir-rimedju ordinarju;  dan qed jinghad, salv ghal dawk il-kazijiet fejn il-qorti b'setghat kostituzzjonali tghazel li tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha minhabba n-natura tal-allegata vjolazzjoni, bhal per ezempju, dawk relatati mad-dritt tal-hajja u d-dritt tal-liberta' jew dritt kontra trattament degradanti u inuman fejn il-qorti tkun tqis li huwa opportun li minkejja kollox tiddeciedi li tisma' l-kaz fuq il-meritu.

14. Fid-dawl tal-premessi konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma tikkonsidrax bhala validu l-ilment tar-rikorrenti li, la l-ewwel Qorti deherilha li kellha tissolleva *ex officio* il-punt dwar l-ezawriment tar-rimedju ordinarju, dik il-Qorti kellha xi obbligu legali li tigbed l-attenzzjoni tal-partijiet qabel ma tghaddi ghas-sentenza.  Kif fuq gja' spjegat, il-partijiet kienu ressqu l-provi kollha dwar il-kaz, u di piu' l-ezawriment tar-rimedju ordinarju kien obbligu tar-rikorrenti li, qabel ma tibda proceduri kostituzzjonali, tuza dak ir-rimedju u l-fatt li dan il-fattur ma giex trattat qabel ma nghatat is-sentenza ma jnehhi xejn minn dak l-obbligu tar-rikorrenti li taf li skont il-gurisprudenza assodata dan il-punt jista' jigi sollevat mill-qorti *ex officio*.

15. Din il-Qorti tosserva wkoll li r-rikorrenti f'kwalunkwe kaz fir-rikors tal-appell taghha ma tispjegax x'inhuma l-provi li hi tixtieq tressaq fir-rigward ta' din il-pregudizzjali li wara kollox hija vertenza ta' natura legali. Lanqas ma taghmel tentattiv ai termini tal-ligi sabiex tispjega ghaliex l-ilment kostituzzjonali taghha ma jinkwadrax fid-dispozizzjoni tal-paragrafu [b.ii]] tas-subartikolu [2] tal-Artikolu 469°, liema paragrafju jikkontempla l-kaz meta bhala fil-kaz odjern ikun qed jigi allegat li ghemil amministrattiv ikun *ultra vires* ghax *"..l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali...."*

16. Minflok, ir-rikorrenti taghmel tentattiv fjakk fejn tghid li dak il-artikolu tal-ligi ma joffrix rimedju effettiv ghaliha u tieqaf hemm. Tghid ukoll, minghajr ma tispjega ruhha sew u forsi b'tentattiv sabiex iggib l-applikazzjoni tieghu fix-xejn, li l-Artikolu 469A m'ghandux jitqies bhala rimedju ordinarju izda wiehed straordinarju. Din il-Qorti tissenjala li dan hu guridikament skorrett, ghax il-procedura kontemplata fl-imsemmi artikolu, li hu inkorporat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, hija ta' natura ordinarja intiza sabiex taghti rimedju ordinarju ghal min irid li jattakka ghemil amministrattiv.

17. Dan hu rikonoxxut mill-ewwel Qorti fejn fis-sentenza appellata tghid li *"…l-ilment taghha jirrinkwadra ruhhu perfettament fl-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv, regolata ai termini tal-Artikolu 469A*

*tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta…".* Dik il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Michael Borg v. Onorevoli Prim Ministru et** kif deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru 2017[10] u, filwaqt li tosserva li r-rikorrenti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha taqbel ma' dan, tghid li l-gurisprudenza tal-qrati taghna turi li hu sew rikonoxxut li l-qrati ghandhom gurisdizzjoni sabiex jissindikaw l-operat tal-Kummissjoni fid-dawl tal-principji tal-gustizzja naturali[11]. In vista tal-ilment tar-rikorrenti li hi kienet allegatament giet michuda milli tressaq id-difiza taghha u li wkoll kien hemm allegatament nuqqas ta' ugwaljanza ta' armi, l-ewwel Qorti kkonsidrat li dawn l-ilmenti kienu jaghmlu parti mill-principji ta' *audi alteram partem* li hu wiehed mill-principji tal-gustizzja naturali u ghalhekk l-ilment taghha kien sindikabbli mill-qrati ordinarji. Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb u ittenni li l-iskop wara l-Artikolu 46[2] tal-kostituzzjoni hu proprju biex ma jsirux kawzi kostituzzjonali bla bzonn, filwaqt li minn naha l-ohra li c-cittadin m'ghandux jigi impedut milli jressaq proceduri ta' natura kostituzzjonali f'kaz ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu[12]. Fir-rigward din il-Qorti tirribadixxi l-osservazzjoni maghmula minnha fil-kawza **Michael Borg v. Onor.Prim Ministru[13]** li:

> "24. ………f'dan il-kaz, diga` gie stabbilit illi f'kull kaz ir-rikorrenti seta' jindirizza l-ilmenti tieghu dwar in-nuqqas ta' osservanza tal-principju tad-dritt naturali ta' *audi alteram partem*, quddiem il-qrati ordinarji permezz ta' proceduri ghal stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv [f'dan il-kaz il-process ta' determinazzjoni mill-Kummissjoni intimata tal-

---

[10] Q.Kost. 22/2016.

[11] Ara wkoll **Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija,** ibid.

[12] Ara Q.Kost. 76/15, **IvanGerald Zammit v. Il-Kummissarju tal-Pulizija u PS Ramon Mifsud,** 27 ta' Jannar 2017.

[13] Supra

> ilment tieghu] ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii), liema dispozizzjonijiet jaghtu espressament lill-qrati ordinarji s-setgha li jiddikjaraw tali ghemil null, invalidu jew minghajr effett meta inter alia, l-awtorita` tkun naqset milli tosserva principji ta' dritt naturali fit-twettieq tal-ghemil amministrativ jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil. Il-procedura ta' stharrig gudizzjarju a tenur tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) kienet ghalhekk wahda li setghet tirrimedja effettivament il-lanjanzi tar-rikorrenti li jikkonfiguraw b'mod shih u esklussiv bhala lanjanzi ta' ksur tal-principju tal-gustizzja naturali.
>
> "25. Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti illi ma kellux disponibbli ghalih rimedju adegwat u effettiv taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 469A, fil-qafas tan-natura tal-ilment tieghu dwar l-ghemil tal-Kummissjoni intimata, ma jistax jitqies li huwa fondat."

18. Biex tkompli fuq il-hsieb addottat mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tghid li ma kienx opportun li dik l-ewwel Qorti f'dan l-istadju tidhol fil-mertu u tikkonsidra jekk il-Kummissjoni kinitx ezorbitat il-poteri taghha. L-ewwel Qorti mbaghad ghaddiet sabiex ikkonsidrat li z-zmien utli ghall-procediment taht l-Artikolu 469A kien skada.

19. Fir-rigward din il-Qorti taqbel ma' dak osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza appena citata li *"il-fatt li din l-azzjoni hija perenta illum, mhwuiex raguni ghaliex din il-Qorti ghandha taghzel biex tezercita l-gurisdizzjoni originali taghha billi kien ir-rikorrenti li halla t-terminu jiddekadi u ma hemmx ragunijiet impellenti li jwassluha biex tiddeciedi mod iehor."* Anke fil-kaz odjern ma nghatat ebda raguni valida ghaliex ir-rikorrenti naqset milli taghmel uzu mir-rimedju ordinarju li kien disponibbli ghaliha.

20. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti tissenjala li fil-kaz odjern, minkejja li r-rikorrenti kellha rimedju effettiv ghad-dispozizzjoni taghha hija naqset

milli taghmel uzu minnu u halliet it-terminu perentorju jiskadi minghajr ma tat raguni valida ghal dan in-nuqqas taghha. Ghalhekk l-ilment li l-ewwel Qorti uzat id-diskrezzjoni taghha taht is-subartikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni b'mod zbaljat huwa, fic-cirkostanzi, legalment insostenibbli u d-decizjoni tal-ewwel Qorti li iddeklinat milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha mhijiex wahda zbaljata.[14].

21. Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx li l-aggravji tar-rikorrenti huma gustifikati u ghalhekk tichadhom.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi dwar l-appell tar-rikorrenti billi tichdu filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, izda dawk tal-appell odjern jithallsu kollha mir-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm

[14] Ara Q.Kost. 5/2011, **Stacey Spiteri u Samir Fathy Gayed Eskander v. Direttur tar-Registru Pubbliku,** 27 ta' April 2012.